**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 340/2021 LC

**MICHAEL ZAMMIT** (K.I. 520370M)
**TONIO ZAMMIT** (K.I. 387869M)
**CARMEN MIFSUD** (K.I. 0721561M)
**JOSEPH ZAMMIT** (K.I. 0472267M)
**PAULA MICALLEF** (K.I. 0120273M)

*vs*

**JOSEPH FALZON** (K.I. 522351M)
LI PERMEZZ TA' NOTA PPREŻENTATA NHAR
L-20 TA' MARZU 2023 L-ATTI ĠEW ĊEDUTI
FIL-KONFRONT TIEGĦU.

**U**

**FALZON MARY ROSE** (K.I. 659252M)
**AWTORITÀ TAD-DJAR**

**Illum, 20 ta' Marzu 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Michael Zammit (K.I. 520370M), Tonio Zammit (K.I. 387869M), Carmen Mifsud (K.I. 0721561M), Joseph Zammit (K.I. 0472267M) u Paula Micallef (K.I. 0120273M) datat il-15 ta' Lulju

2021 fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna li jitwettaq it-test tal-Mezzi ta' l-intimati Falzon li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-2020 u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-każ.

II. Jiddikkjara u jiddeċiedi li, ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond li jinsab "JoeMary" Triq Dragun, Ħal-Qormi, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ.

III. Jordna u jikkundanna lill-intimati Falzon jibdew iħallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021 b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

IV. Jordna, f'każ li l-intimati Falzon ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tiegħu mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbili minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju 2021

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'rizerva u migħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata t-03 ta' Settembru 2021, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti għandhom jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma s-sidien uniċu tal-fond; (ii) ir-rikorrenti għandhom jippreżentaw il-causa mortis tad-defunti Michael Zammit u Nazzareno Zammit; (iii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern, (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (v) f'każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Joseph Falzon u Mary Falzon tal-20 ta' Settembru 2021, fejn sommarjament, eċċepew li:

1. Illi *in linea preliminari* u bla preġudizzju, ir-rikorrenti għandhom jipprovaw li huma s-sidien uniċi tal-fond in kwistjoni;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-kera mħallsa mill-intimati hija waħda ġusta;

3. Illi fil-mertu wkoll u pla preġudizzju għas-suespost, jingħad li żgur mhux forsi, l-intimati jissodisfaw l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodi relevanti u dan peress illi kwalunkwe dħul u kapital huwa ferm anqas minn dak maħsub f'dan l-

istess test u għalhekk ir-raba' talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

4. Illi la darba d-dħul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas dak li maħsub fil-Liġi, m'għandux ikun hemm l-ebda awment u dan senjatament tenendo conto tad-dħul u l-kapital limitat tal-esponenti

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jistabbilixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-benefikati estensivi li saru mill-intimati fil-fond u dan ukoll sabiex ma jinħoloqx piż sproporzjonat għall-esponenti;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan il-Bord jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, dan il-Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera m'għandhiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda għandha tqarrab aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment – hekk kif huwa fid-deskrizzjni tal-Bord li jordna u li tali kera awmentata għandha tibda titħallas b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jopponu għal kull talba ta' ħlas ta' spejjeż fir-rigward ta' din il-kawża u dan iżjed u iżjed għaliex l-ebda interpelazzjoni ma qatt saret f'dan is-sens lill-istess esponenti u wisq anqas l-ebda tentattivi bonarji f'dan is-sens;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jingħataw waqt il-prosegwiment tal-kawża.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-23 ta' Awwissu, 2021, l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Stephanie Cassar u l-Perit Josianne Vassallo ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra n-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha ċedew l-atti odjerni fir-rigward ta' Joseph Falzon iżda żammew ferm it-talbiet tagħhom fir-rigward tal-partijiet l-oħra;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera tal-fond jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati Falzon humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi mill-*causa mortis* ippublikata min-Nutar Dottor Antoine Agius nhar is-16 ta' April 2012[1] ir-rikorrenti Michael Zammit kien deher f'ismu propju kif ukoll f'isem ommu Rosanna Zammit. F'dik il-*causa mortis* kien ġie ddikkjarat li b'testment datat l-4 ta' Settembru 2003, id-*decuius* Nazzareno Zammit, kien ħalla lil martu Rosanna Zammit fi piena propjetà kwart indiviż tal-wirt tiegħu u innomina uniku eredi lil ibnu, r-rikorrenti Michael Zammit, diversi propjetajiet immobbli, fosthom "*h, Kwart indiviz tal-fond urban numru tnejn u sittin (62), Triq id-Dragun, Ħal-Qormi*"[2].

Illi mill-*causa mortis* ta' omm ir-rikorrenti Michael Zammit, senjatament Rosanna Zammit, ippublikata min-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento nhar it-03 ta' Settembru 2021[3] ġie ddikjarat illi d-decuius istitwiet lir-Rikorrenti Michael Zammit bħala l-eredi universali u padrun assolut tal-ġid kollu tagħha, fosthom *"(xii) il-ħamsa minn sittax (5/16) porzjon indiviż tal-fond terran bin-numru stradali tnejn u sittin (62) fi Triq id-Dragun, Ħal-Qormi.*[4]"

Illi mis-sunt magħmul għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' Insinwa mar-Reġistru Pubbliku[5] jirriżulta li fit-23 ta' Jannar 2015, fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, ir-rikorrenti l-oħra Carmen Mifsud, Paola Micallef, Anthony Zammit u Joseph Zammit għamlu d-debita dikkjarazzjoni *causa mortis* ta' missierhom, id-*decuius* Michael Zammit. Illi minn din id-dikjarazzjoni jirriżulta illi d-decuius ħalla bħala eredi universali lil martu Luigia Zammit, iżda li rrinunzjat għall-wirt fit-13 ta' Marzu 2014. Illi minn dan is-sunt jirriżulta li d-decuius kien jipposjedi "*j. Kwart indiviz tal-fond urban numru tnejn u sittin (62), Triq id-Dragun, Ħal-Qormi, mikrija lil terzi*"[6]. Illi b'hekk, dan il-

[1] Dok "A" anness mar-rikors promotur.
[2] Ara para.g h, a fol. 5 tal-atti proċesswali.
[3] Dok "Ċ", a fol 31 tal-atti proċesswali.
[4] Ara para. (xii) a fol. 36 tal-atti proċesswali.
[5] Dok "B" anness mar-rikors promotur.
[6] Ara para. J a fol. 11 tal-atti proċesswali.

kwart sehem indiviz għadda direttament għand dawn l-imsemmija rikorrenti.

Illi mill-*causa mortis* ta' omm dawn l-istess rikorrenti, senjatament Luigia Zammit, ippublikata min-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento nhar l-20 ta' Settembru 2021[7] ġie ddikkjarat illi d-*decuius* istitwiet lill-imsemmija rikorrenti bħala l-eredi universali u padruni assoluti tal-ġid kollu tagħha, fosthom *"(vii) il-kwart (1/4) indiviż porzjon indiviż tal-fond terran bin-numru stradali tnejn u sittin (62) fi Triq id-Dragun, Ħal-Qormi.*[8]"

Illi mid-dokumenti eżebiti fir-rigward tat-titolu tal-propjetà, jirriżulta li r-rikorrenti Michael Zammit wiret 3/8 sehem indiviż tal-propjetà *de quo* mill-poter ta' missieru id-*decuius* Nazzareno Zammit u r-rimanenti 5/8 sehem indiviż mill-poter ta' ommu id-*decuius* Rosanna Zammit. Da parti tagħhom, ir-rikorrenti l-oħrajn Carmen Mifsud, Paola Micallef, Anthony Zammit u Joseph Zammit wirtu ¼ sehem indiviż tal-propjetà *de quo* mill-poter ta' missierhom id-decuius Michael Zammit (peress li ommhom Luigia Zammit irrinunzjat għal dan il-wirt) u s-sehem rimanenti ta' ¼ sehem indiviż tal-propjetà *de quo* mill-poter ta' ommhom, id-*decuius* Luigia Zammit.

B'hekk, fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-Awtorità tad-Djar u mill-intimati Falzon, il-Bord huwa sodifatt li r-rikorrenti huma sidien tal-kera tal-fond *de quo* u għandhom il-kapaċità proċesswali li jmexxu 'l-quddiem it-talba preżenti.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo ilu mikri lill-intimati minn qabel is-sena 1995 bil-kera miżera ta' €820

---

[7] Dok "Ċ", a fol 51 tal-atti proċesswali.
[8] Dok "Ċ", a fol 54 tal-atti proċesswali

fis-sena. Illi da parti tagħha, l-intimata tikkonferma fir-risposta tagħha illi hija l-inkwilina tal-fond *de quo*. B'hekk, abbażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet reċiproċi, il-Bord huwa sodisfatt illi l-intimata hija huma effettivament l-inkwilina tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Mary Rose Falzon, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Mary Rose Falzon **ma teċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-propjetà "Joe Mary House", Triq id-Dragun, Ħal-Qormi jikkonsisti f'terran li ilu mibni inqas minn 50 sena. Huwa fi stat tajjeb ta manutensjoni. Il-periti jikkummentaw, madanakollu, li l-fond ma jitqiesx li joffri opportunità oltre ta' żvilupp[9].

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu konjizzjoni tal-proċess odjern u kkonsidraw l-fatturi li jikkonsistu: (i) mit-tip u d-daqs tal-fond in kwistjoni; (ii) l-istat ta' manutensjoni u l-finituri; (iii) il-lok ta' fejn tinstab il-propjetà; (v) il-fatt li l-fond m'għandux potenzjal oltrè ta' żvilupp u (vi) propjetajiet simili fis-suq (*property comparables*) huma tal-fehma illi l-valur tas-suq tal-fond *de quo* jammonta ghal €200,000 (mitejn elf Ewro).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[10]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

[9] Ara l-paragrafu 3 tar-rapport peritali.
[10] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimati u tal-età tagħhom, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' erbat' elef Ewro (€4,000) fis-sena

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, stante li wettaq it-test tal-mezzi waqt l-andament tal-proċeduri odjerni;

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikkjara illi l-kera tal-fond li jinsab f' "JoeMary", Triq Dragun, Ħal-Qormi, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq;

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna lill-intimata Mary Rose Falzon tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera awmentata ta' €4,000 fis-sena b'effett mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, senjatament fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena;

4. Jiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti, ossija dik għall-iżgumbrament tal-inkwilina, stante li hija tissodisfa il-kriterji tad-Dħul u tal-Kapital tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata tal-Awtorità intervenuta sa fejn huma inkompatibbli ma dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**